**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti Istruttorja**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**Kawża Numru 42/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**(Spettur Mario Xiberras għall-Kummissarju tal-Pulizija u Dr. Tilden Tabone għall-Avukat Ġenerali)**

**vs**

**Gerrard Mifsud**

**Digriet dwar it-Talba tad-Difiża Sabiex il-Kontro-Eżami tal-Parte Civile Jitkompla fi Stadju Ulterjuri tal-Proċeduri**

Illum ħmistax (15) ta' Ottubru 2024;

Il-Qorti,

Rat it-talba tad-difiża sabiex hija tkompli bil-kontro-eżami tal-parte civile fi stadju ulterjuri tal-proċeduri stante li l-Prosekuzzjoni trid tipproduċi xhieda u dokumenti oħra li l-imputat m'għandux aċċess għalihom u għalhekk l-istess imputat mhux

f'posizzjoni li f'dan l-istadju jagħmel il-mistoqsijiet kollha lill-vittma kif għandu d-dritt li jagħmel;

Rat li l-Prosekuzzjoni u l-Parte Civile opponew għal tali talba stante illi f'dan il-każ hija l-vittma ta' reati serji u skont il-proċedura ġialadarba l-vittma tinżel minn fuq il-pedana tax-xhieda din ma terġax tiġi riprodotta u għalhekk il-kontro-eżami irid jiġi konkluż flimkien mal-eżami;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq dan il-punt;

Ikkunsidrat:

Paragrafu sebgħa u ħamsin (57) tal-Preambolu tad-direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminali u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/GAI jistabilixxi li:

> *"Il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, il-vjolenza jew l-isfruttament sesswali, il-vjolenza abbażi tas-sessi, l-atti kriminali ta' mibegħda, u l-vittmi b'diżabbiltajiet jew il-vittmi tfal x'aktarx jgħaddu minn rata għolja ta' vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta, ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni. <u>**Il-valutazzjoni ta' jekk vittmi bħal dawn ikunux f'riskju ta' tali vittimizzazzjoni, intimidazzjoni u ritaljazzjoni għandha ssir b'reqqa partikolari u għandu jkun hemm preżunzjoni qawwija li dawk il-vittmi ser jibbenefikaw minn miżuri speċjali ta' protezzjoni**</u>."*

Il-paragrafu sussegwenti (paragrafu 58) jkompli jgħid li:

> *"Vittmi li ġew identifikati bħala vulnerabbli għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni* <u>***għandhom***</u>

***<u>jingħataw il-miżuri adatti biex jipproteġuhom matul il-proċedimenti kriminali.</u>*** *In-natura eżatta ta' tali miżuri għandha tiġi determinata permezz tal-valutazzjoni individwali, b'kont meħud tax-xewqa tal-vittma. Sa fejn kwalunkwe tali miżura għandha tiġi determinata mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża u f'konformità mar-regoli tad-diskrezzjoni ġudizzjarja. It-tħassib u l-biża' tal-vittmi b'rabta mal-proċedimenti għandhom ikunu fattur ewlieni fid-determinazzjoni ta' jekk ikunux jeħtieġu xi mizura partikolari."*

Il-prinċipju li joħroġ minn dawn iż-żewġ paragrafi tad-direttiva huwa li għandu jiġi żgurat li l-vittmi ma jiġux vittimizzati darbtejn u dan billi jkunu kostretti li jiddeponu aktar minn darba fil-proċeduri in kwistjoni. Għalkemm id-direttiva mhijiex direttament applikabbli fil-*corpus juris* Malti għaliex ma jidhirx li ġew promulgati regolamenti li jdaħħlu fis-seħħ din id-direttiva fil-leġislazzjoni Maltija skont kif jawtorizza l-artikolu 19(b) tal-Kap. 539, l-Att dwar il-Vittmi ta' Kriminalita, dan il-prinċipju xorta ġie rikonoxxut mill-Qrati tagħna.

Fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-***Pulizija vs Robert Attila Majlat et***[1] li kien jikkonċerna każ ta' traffikar tal-persuni u ***Il-Pulizija vs James Grech***[2] li kien jikkonċerna stupru, il-Qorti għamlitha ċara li dawn kienu persuni vulnerabbli u li kellhom jiġu salvagwardjati f'kull stadju tal-proċeduri. Il-Qorti għamlitha ċara li l-mod ta' kif isiru l-intervisti inkluż il-mod ta' kif tittieħed ix-xhieda ta' allegati vittmi għandhom ikunu tali li ma jagħmlux ħsara fuq il-vittmi u jekk jista' jkun ma jiġux soġġetti **<u>għal ripetizzjoni ta' xhieda</u>** u għalhekk jiġi evitat ir-rivittimizzar tagħhom.[3]

---

[1] Appell Numru 330/2019 deċiż fl-1 ta' Settembru 2020.

[2] Appell Numru 223/2020 deċiż fis-27 ta' Jannar 2022. Għalkemm fil-każ ta' Majlat u Grech, il-Qorti eventwalment awtorizzat li l-vittmi jiġu kontro-eżaminati fi stadju ulterjuri tal-proċeduri, dan sar għaliex meta ħadu oriġinarjament il-pedana tax-xhieda, il-kontro-eżami kien ġie riżervat u ma kienet ġiet reġistrata l-ebda oġġezzjoni għal dan mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile.

[3] Pul vs Majlat – paġna 27 tas-sentenza.

Tenut kont tal-akkużi (fosthom l-akkuża serja li l-imputat allegatament ikkaġuna offiża fuq il-persuna tal-parte civile, liema offiża allegatament waslet għall-abort tat-tarbija li kien qed iġġorr il-parte civile), il-Qorti tqis li l-parte civile tikklassifika bħala persuna vulnerabbli anke kif definit fil-paragrafu 57 tal-preambolu tad-Direttiva kwotata aktar kmieni f'dan id-digriet u għalhekk l-istess vittma għandha tiġi protetta mir-rivittimizzar tagħha, liema sitwazzjoni tista' possibilment iseħħ jekk hija terġa tintalab tixhed fi stadju ulterjuri tal-proċeduri;

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet qiegħda tiċħad it-talba tad-difiża biex il-kontro-eżami jiġi riżervat u jsir fi stadju ulterjuri u tordna l-prosegwiment tal-kontro-eżami, liema kontro-eżami irid jingħalaq fis-seduta tal-lum.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur